**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 23 ta' Ġunju 2021.**

**Rikors Nru. 829/2021 GM**

**Anthony Falzon (K.I. Nru. 278949M), iben il-mejtin Francis Falzon u Carmela nee` Farrugia, imwieled Ħal Tarxien u residenti l-Qawra limiti San Pawl il-Baħar**

**vs**

**Christopher Zarb (K.I. Nru. 575277M) u Viktor Benedek (K.I. 146479A)**

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-rikors.

Rat ir-risposta.

Semgħet lill-avukati tal-partijiet waqt l-udjenza tal-14 ta' Ġunju 2021.

Ikkunsidrat

Illi l-partijiet ippreżentaw rikors/risposta ferm estensivi b'aċċenn għal jekk ix-xogħlijiet de quo jnaqqsux jew le d-drittijiet ta' uzu tal-partijiet komuni nkluż l-użu tal-bejt. Dan iżda jolqot il-mertu. Għalkemm wieħed jista' jkollu l-opinjoni tiegħu dwar jekk ir-rikorrenti għadhomx raġun jew le, f'dan l-istadju kull ma trid tistabbilixxi l-Qorti hu jekk ir-rikorrenti għandhomx "fumus boni iuris" jew le – mal-ewwel daqqa t' għajn, anke in vista tal-ġurisprudenza ċċitata mill-partijiet li mhux għal kollox konsistenti l-Qorti qajla tista' teskludi kif ġieb u laħaq li r-rikorrenti għandhom jedd xi jħarsu. Drittijiet li jistgħu jiġu ppreġudikati immedjatament bit-tkomplija tax-xogħlijiet.

Għaldaqstant it-talba qiegħda tigi milqugħa

Spejjeż ta' dan il-mandat riżervati għall-eventwali ġudizzju finali.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA